**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. *Joseph D.* Camilleri LL.D.**

AIC Joseph Grech

*versus*

Mary mart Charles Borg *et*

**Titolu Esekuttiv - Esekuzzjoni Kontra Eredi - Artikolu 258 tal-Kodiċi ta' Proċedura**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi l-artikolu invokat mill-attur kien għal kollox irrelevanti għas-sitwazzjoni taħt eżami fis-sens l-azzjoni hija speċifikatament ibbażata fuq is-subinċiż 1 ta' l-artikolu 259 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili in kwantu dan l-artikolu jirregola t-tmexxija ta' titolu esekuttiv meta d-debitur hu mejjet. Fil-każ taħt eżami l-attur qed jippremetti illi kien il-kreditur li miet u qed jippretendi li qabel l-eredi tiegħu setgħu jipproċedu bit-titolu esekuttiv li kien jispetta lilu u li huma li kienu wirtu kellhom jitolbu awtorizzazzjoni mill-Qorti biex hekk jagħmlu. Il-ħtieġa taċ-ċitazzjoni hija meta hemm proċeduri kontra l-eredi tad-debitur u mhux dawk istitwiti mill-eredi tal-kreditur. Għalhekk it-talba ta' l-attur biex jiġi rrevokat id-digriet fejn ġiet ordnata kontra tiegħu subbasta ta' fond ġiet miċħuda.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda b'dan l-att taċ-ċitazzjoni kontra l-eredi tal-mejjet Joseph Vella;

"L-attur ippremetta illi:

Fit-3 ta' April, 1991, il-konvenuti ppreżentaw rikors li bih talbu l-bejgħ bis-subbasta ta' ġnien Bisazza Lane biex jitħallsu ta' somma flus allegatament dovuta lilhom (dok. A);

B'digriet tagħha tas-17 ta' April, 1991, din il-Qorti laqgħet it-talba u nnominat perit biex jistma l-fond;

Ir-rikors sar *mill-aventi kawża tal-kreditur Joseph Vella* mingħajr *ma* huma għamlu ċitazzjoni biex jiġu awtorizzati jesegwixxu l-kuntratt ta' l-1 ta' Lulju, 1988, li kien sar *bejn l-attur u l-awtur tagħhom*;

Għalhekk ir-rikors tagħhom kien irritu u null u d-digriet imsemmi ġie mogħti llegalment u abbużivament;

Talab li l-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti, għar-raġunijiet imsemmija:

Tiddikjara u tiddeċidi li d-digriet fuq imsemmi tas-17 ta' April, 1991, hu rritu u null;

Tirrevoka, per konsegwenza, l-istess digriet";

Il-konvenuti hekk eċċepew għat-talbiet attriċi:

"Illi t-talbiet attriċi huma manifestament infondati fid-dritt għax l-artikolu 259 (1) iċċitat mill-attur bħala l-bażi ta' l-azzjoni tiegħu ma jgħidx dak li qed jgħid l-attur imma għid testwalment: "*The demand by writ of summons mentioned in the last preceding section shall in all cases be necessary where it is sought to enforce an executive title against the heirs of the debtor ...*" u illi fil-każ in eżami huma l-eredi tal-kreditur li qed jesegwixxu debitu tad-debitur attur kontra l-istess konvenut. Għalhekk din il-kawża hija waħda frivola u vessatorja u ntiża biex tostakola l-andament tal-proċeduri tas-subbasta ġà inoltrati mill-eċċipjenti kontra l-attur debitur";

B'sentenza ta' l-10 ta' Ottubru, 1996. il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur;

L-Ewwel Qorti hekk *immotivat* is-sentenza tagħha:

"F'din l-ewwel *eċċezzjoni* l-konvenuti *qed jissottomettu* illi l-artikolu ċċitat mill-attur bħala l-bażi ta' l-azzjoni tiegħu in effett ma jgħidx dak li qed isostni l-istess attur;

L-attur fid-dikjarazzjoni tiegħu *jgħid li din* l-azzjoni tiegħu bi bbażata fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 259 (1) tal-Kap. 12 tal-*Liġijiet* ta' Malta. L-*imsemmi artikolu jiddisponi illi* f'każ li titolu esekuttiv *ikun ser jiġi* esegwit kontra l-werrieta tad-debitur, tali esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba f'dan is-sens lill-Qorti kompetenti;

Ma hemmx dubju illi l-imsemmi artikolu jiddisponi illi hu neċessarju li jkun hemm awtorizzazzjoni mill-Qorti *kompetenti* biss meta l-esekuzzjoni tkun ser issir kontra l-werrieta tad-debitur. Ma hemmx bżonn għalhekk li jkun hemm l-istess awtorizzazzjoni jekk ikunu l-werrieta tal-kreditur li jkunu ser jesegwixxu kontra d-debitur bħala fil-każ in eżami. Konsegwentement, ma hemmx dubju li l-imsemmi *artikolu 259* (1) tal-Kap. 12 mhux applikabbli għal dan il-każ u għalhekk l-eċċezzjoni in kwistjoni tal-konvenuti timmerita li tiġi akkolta;

Una volta li din l-azzjoni ta' l-attur hi bbażata fuq id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 259 (1), liema artikolu, kif ġà ngħad, ma jistax jiġi applikat għal dan *il-każ*, konsegwentement it-talbiet attriċi ma jistgħu qatt jiġu akkolti";

Dan hu l-aggravju ta' l-attur li qed jiġi riprodott biex tiġi

faċilitata l-konsiderazzjoni ta' l-*appell* tiegħu;

"*Iċ-ċitazzjoni ta' l-attur hija bbażata fuq il-presuppost li n-nies li qegħdin jippromwovu s-subbasta mhumiex l-istess nies li kienu suppost kredituri fil-kuntratt ta' l-1 ta' Lulju, 1988. L-*Ewwel Onorabbli Qorti sabet li l-artikolu 259 (1) tal-Kodiċi ta' *Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili mhux applikabbli għall-każ* għax jirreferi għall-persuna tad-debitur. Tali konklużjoni, però, *bir-rispett kollu, ma tidderimix il-pretensjonijiet ta' l-attur li* hija bbażata fuq il-bżonn ta' l-aċċertament ġudizzjarju ta' l-*eredi tal-kreditur meta ma jkunx* il-*kreditur personalment li jkun* qiegħed javanza l-pretensjoni tiegħu. Is-sottomissjoni ta' l-esponent *hija li kuntratt ma jistax jiġi esegwit favur l-eredi tal-*kreditur mingħajr ma qabel jiġi ġudizzjarjament li dawn huma l-*eredi u dan fil-konfront tal-kreditur.* Għalhekk *jiġi sottomess* bir-rispett, il-bżonn ta' kawża b'liema tintalab esekuzzjoni tal-*kuntratt. Is-sens tal-kliem ta' l-artikolu 259 (1) jissuffraga din* it-teżi u ma jikkontradiċi bl-ebda mod din is-sottomissjoni";

Dan *l-aggravju hu* wieħed għal kollox infondat fil-liġi u, kunsidrata l-impostazzjoni preċiża tal-premessi u t-talbiet kif dedotti fl-att *taċ-ċitazzjoni*, jirriżulta li hu ukoll appell frivolu u vessatorju ntiż biss biex l-attur debitur jakkwista żmien prezzjuż - kif fil-fatt akkwista - tramite l-prolungar bla bżonn ta' proċeduri ġudizzjarji inutili. Dan għaliex, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, *l-azzjoni* hija speċifikatament ibbażata mill-attur fuq is-subinċiż 1 ta' l-artikolu 259 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni *u Proċedura* Ċivili li, kif sewwa ndikat fis-sentenza appellata hu għal kollox irrilevanti għall-fatti in kawża in kwantu dan l-artikolu *jirregola* t-tmexxija ta' titolu esekuttiv meta d-debitur hu mejjet. Fil-każ taħt eżami l-attur qed jippremetti illi kien il-kreditur li miet u qed jippretendi li qabel l-eredi tiegħu setgħu jipproċedu bit-titolu esekuttiv li kien jispetta lilu u *li huma* kienu wirtu kellhom jitolbu awtorizzazzjoni mill-Qorti biex hekk jagħmlu;

Dan *mhu minnu xejn*. Jiġi ppreċiżat illi l-azzjoni tentata mill-attur *mhijiex tikkontesta* la l-fatt li l-konvenuti *qed jitolbu* l-bejgħ *bis-subbasta* ta' fond, li fih kellu nteress l-attur, *in* esekuzzjoni ta' titolu li huma wirtu mingħand l-awtur tagħhom u li kienu l-eredi leġittimi tiegħu u lanqas qiegħed jikkontesta l-attur li l-konvenuti kellhom, bħala fatt, dak it-titolu esekuttiv li bih kienu pprovokaw il-proċeduri tas-subbasta. Hu qed jippretendi biss li l-konvenuti ma setgħux jaġixxu *qua* eredi biex jesegwixxu dak it-titolu qabel ikunu talbu u ottjenew awtorizzazzjoni ġudizzjarja biex hekk jagħmlu. Naturalment, il-posizzjoni kienet tkun *toto coelo* differenti li kieku l-azzjoni kienet immirata *biex tikkontesta* l-kwalità ta' eredi tal-konvenuti jew *jekk huma* kellhomx jew *le* l-jedd li jikkontestaw il-kwalità *ta' eredi tal-konvenuti* jew jekk huma kellhomx jew *le* l-jedd *li jesegwixxu* dak it-titolu esekuttiv ta' l-awtur tagħhom, għaliex kienu ikun qed jikkontestaw illi huma ma wirtux *dak* it-titolu. Għall-bqija mhuwiex ġuridikament korrett u mhux minnu illi kuntratt ma setax jiġi esegwit favur l-eredi ta' kreditur mingħajr ma qabel jiġi neċessarjament aċċertat li dawk kienu l-eredi u dana fil-konfront tad-debitur meta ma jkunx hekk ikkontestat mill-istess debitur;

Jingħad li l-proċedura kkontemplata fis-subinċiż (1) ta' l-artikolu 259 hija l-istess waħda li l-Kap. 12 jipprovdi fl-artikolu ta' qabel fir-rigward tat-tmexxija għall-esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv wara l-egħluq ta' ħames snin (qabel l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995, iż-żmien kien ta' tliet snin) minn dakinhar li fih skond il-liġi t-*titolu* esekuttiv seta' jiġi esegwit. Ir-*ratio legis* wara dawk *id-disposizzjonijiet* hi hekk espressa minn Cremona fir *Raccolta* delle Giurisprudenza sul Codice di Procedura Civili, Vol. 1, paġ. 558:

*"Il senso delle disposizioni ... si è che decorsi tre anni dal di detta pronunziazione di una sentenza o morto il debitore anche prima del triennio non si puo procedere alle spedizione di*

*atti esecuttivi, ammenoche non si fosse l'annuenza, almeno presunta del debitore o del suo erede ....*

*Omissis;*

Il-Qorti ċaħdet it-talba ta' appellant.....*omissis.*

---